MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 2798/1997/1

**Emanuel Frendo**

**vs**

**Elizabeth Zammit, Martin Azzopardi u Carmel sive Nenu Azzopardi**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi permezz ta' kuntratt pubbliku datat sitta (6) ta' Settembru elf disa' mija wiehed u disghajn (1991) u ppubblikat min-nutar Dottor Joseph Michael Sciriha, l-attur ikkostitwixxa ruhu debitur fil-konfront tal-mejta Carmen

Azzopardi ‘fil-ammont ta’ hamest elef lira maltija (Lm5000) rapprezentanti flus mislufa brevi manu u servigi resi’;

Illi l-mejta Carmen Azzopardi kellha relazzjoni extra-maritali ma’ l-attur u fil-fatt huma kienu jikkoabitaw flimkien ghal bosta snin;

Illi l-mejta Carmen Azzopardi qatt ma selfet ebda flus lill-attur u ghalhekk il-kuntratt precitat ghandu kawza falza;

Illi fir-rigward tas-servigi l-mejta giet altru milli kkumpensata matul ir-relazzjoni illecita;

Illi din l-obbligazzjoni saret mill-attur bi speranza ta’ kontinwazzjoni ta’ favuri illeciti u ghalhekk tikkostitwixxi kawza illecita;

Illi l-konvenuti Elizabeth Zammit u Martin Azzopardi huma l-eredi tal-mejta Carmen Azzopardi fil-waqt li l-konvenut l-iehor Carmel Azzopardi huwa zewgha u l-istess qeghdin jippretendu l-hlas ta’ din is-somma;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1 Tiddikjara li l-kuntratt pubbliku datat 6 ta’ Settembru 1991, u ppubblikat min-nutar Dr Joseph Henry (?) Sciriha huwa null u minghajr ebda effett in kwantu jikkontjeni;

(a) kawza falza in vista tal-fatt li l-attur qatt ma ssellef flejjes minghand il-mejta Carmen Azzopardi;

(b) kawza illecita peress li l-attur assuma l-obbligazzjoni minhabba l-istat tal-konkubinat li kienu jinsabu fih l-attur u l-mejta Carmen Azzopardi u bi speranza ta’ kontinwazzjoni ta’ favuri illeciti;

2 Tordna r-rexxisjoni ta’ l-istess kuntratt;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ngunti in subizzjoni;.

Rat id-dikjrarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

1 Illi l-kuntratt pubbliku datat sitta (6) ta’ Settembru tas-sena elf disa mija u wiehed u disghin (1991) pubblikat min-Nutar Dr Joseph Henry Sciriha bejn l-attur bhala debitur u l-mejta Carmen Azzopardi, huwa wiehed legali u validu, ibbazat fuq kawzi gusti, legali u fattwali;

2 Illi fil-fatt l-attur huwa debitur tal-konvenuti ghal ammonti akbar, fosthom il-hamest elef lira maltija (Lm5000) imsemmi fit-talbiet attrici, rapprezentanti flus mislufa brevi manu u servigi resi;

3 Illi l-attur qatt ma nnega mal-konvenuti li kien debitur tal-mejta Carmela Azzopardi u l-konvenuti u ntavola dawn il-proceduri biss meta gie notifikat bic-citazzjoni l-ohra fl-ismijiet Carmel sive Nenu Azzopardi et vs Emanuel Frendo, Citazz:1526/97 AJM, fejn il-konvenuti odjerni talbu il-hlas ta’ l-istess hamest elef lira maltin in kwistjoni;.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-attur;

Rat l-affidavit tal-attur u affidavits l-ohra prodotti mill-istess attur;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet diferita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li b’kuntratt pubbliku tas-6 ta’ Settembru 1991 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha l-attur ikkostitwixxa ruhu veru u likwidu debitur fil-konfront ta’ Carmen Azzopardi, illum mejta, u dana fl-ammont ta’

hamest elef liri maltin (Lm5000) liema somma tirrappresenta flus mislufa brevi manu u servigi resi;

Fic-citazzjoni l-attur jippremetti li l-imsemmija Carmen Azzopardi kellha relazzjoni extra-maritali mieghu u li huma kienu jikkoabitaw ghal diversi snin. Huwa jippremetti ukoll li l-imsemmija Carmen Azzopardi qatt ma selfitu flus u ghalhekk l-imsemmi kuntratt ghandu kawza falza u inoltre ghar-rigward tas-servigi l-mejta giet ampjament kumpensata matul l-imsemmija relazzjoni illecita. L-attur jippremetti ukoll li l-imsemmija obbligazzjoni saret da parti tieghu bl-isperanza ta’ kontinwazzjoni ta’ favuri illeciti u ghalhekk hemm ukoll kawza illecita. L-attur jippremetti ukoll li l-konvenuti Elizabeth Zammit u Martin Azzopardi huma l-eredi tal-mejta Carmen Azzopardi filwaqt li l-konvenut l-iehor Carmel Azzopardi huwa zewgha u dawn l-istess konvenuti issa qed jippretendu l-hlas tas-somma in kwestjoni. Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li l-imsemmi kuntratt hu null u minghajr ebda effett in kwantu jikkontjeni kawza falza u kawza illecita. L-attur qed jitlob ukoll li tigi ordnata r-rexxisjoni ta’ l-istess kuntratt;

Da parti taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu li l-kuntratt in kwestjoni huwa wiehed legali u validu, ibbazat fuq kawzi gusti, legali u fattwali u illi l-attur in efett hu debitur taghhom ghal ammonti akbar. Huma jeccepixxu ukoll li l-attur qatt ma nnega li kien debitur tal-mejta Carmela Azzopardi u ntavola dawn il-proceduri biss meta gie mitlub il-hlas tas-somma in kwestjoni;

Ghandu jinghad mill-ewwel li l-pretensjonijiet tal-attur ma jirrizultawx sufficjentement pruvati. Mhux car xi jrid jghid l-attur meta jallega li l-obbligazzjoni kontenuta fil-kuntratt in kwestjoni saret minnu bl-isperanza ta’ kontinwazzjoni ta’ favuri illeciti. L-attur qed jghamel referenza ghar-relazzjoni extra konjugali li hu kellu ma Carmen Azzopardi, li illum hi mejta, u ghalhekk dak li jallega l-attur f’dan ir-rigward ghandu jirrizulta bl-aktar mod inekwivoku u possibilment sostnut bi provi ohra oggettivi. Dan zgur li ma jirrizultax;

In effett l-attur ikkonferma li huwa kellu relazzjoni extra konjugali ma’ Carmen Azzopardi, illum mejta. Din Carmen

Azzopardi kienet mizzewga. Huma kkoabitaw ghal xi tmien (8) snin sakemm l-istess Carmen Azzopadi mietet fil-1995. F’dan il-periodu huma kienu jghixu bhala mizzewgin u l-imsemmija Carmen Azzopardi kienet tiehu hsieb l-affarijiet tad-dar. Skond l-attur, Azzopardi kienet ukoll tiehu hsieb tamministra il-flus peress li hu kien jghaddilha dak kollu li kien jaqla. L-attur jghid li fil-periodu kemm damu jghixu flimkien Carmen Azzopardi ma kinitx tahdem u hadmet biss ghal xi tmien xhur f’laundry u dan qabel ma mietet;

Jirrizulta li kien hemm periodu fejn l-attur kien ihallas dejn li kellu ma terzi dwar karozza tal-linja li huwa kien xtara u ghalhekk l-attur mhux ghal kollox esatt meta jghid li huwa kien jghaddi dak kollu li kien jaqla lill Azzopardi. Mhux kredibbli l-attur meta jghati r-raguni ghala sar il-kuntratt in kwestjoni. Huwa jghid li dan il-kuntratt sar fuq insistenza ta-istess Carmen Azzopardi sabiex din isserrah rasha li l-attur kien ser jixtri post fejn setghu jabitaw flimkien. Ma hemm l-ebda relazzjoni bejn dak li jinghad fil-kuntratt u x-xiri ta’ post fejn l-attur u Azzopardi setghu jabitaw flimkien. In effett jirrizulta li meta sar l-istess kuntratt Azzopardi kienet assistita minn avukat u dan hu indikattiv li l-istess Azzipardi riedet tassikura d-drittijiet taghha kollha ghar-rigward tal-istess kuntratt. Tant hu li sar kollox b’att pubbliku u mhux b’xi skrittura privata;

L-attur ikkonferma li huwa qatt ma ssellef flus minnghand Azzopardi. Dan pero’ jikontrasta ma dak li hemm imnizzel fl-istess kuntratt. In effett fil-kuntratt hemm imnizzel ukoll li l-attur kellu jibqa jhallas Lm100 fix-xshar lill-istess Azzopardi. L-attur jghid li xi erba jew hames xhur wara li sar dan il-kuntratt inxtara post fil-Marsa. Effettivament jidher li l-post kien fil-Hamrun u li l-post inxtara minn Carmen Azzopardi f’isimha. Lanqs ma hu kredibbli l-attur meta jghid li huwa kien fehem li l-kuntratt ma kellux jibqa effettiv wara li nxtara l-imsemmi post;

L-attur jghid li Azzopardi ma kellha xejn u hu kien jiehu hsieb kollox, inkluz li jmantniha. Dan ma giex pruvat sufficjentement u f’dan ir-rigward jirrizulta li l-istess

Carmen Azzopardi kellha f'isimha kont zghir savings f'bank lokali;

Ix-xhieda Saviour Vassallo u Albert Sammut qalu li huma kienu selfu xi flus lill-attur sabiex inxtara l-fond li gia saret referenza ghaligh. Dwar dan pero' ma ngiebet l-ebda prova ta' xi ftehim bil-miktub u ghalhekk il-Qoprti thoss li m'ghandix toqod fuq dak li qalu l-imsemmija zewg xhieda;

In vista tal-premess it-talbiet kollha attrici m'ghandhomx jigu akkolti peress li ma jirrizultawx sufficjetnement pruvati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kolha attrici;

L-ispejjez kollha kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------